**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Mejju, 2024

Rikors Ġuramentat: 131/2023AL

**A B**

**vs.**

**Dr David Anthony Bonello u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti appuntati b'digriet tas-7 ta' Awwissu 2023 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D E**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors[1] ippreżentat mill-attriċi fit-18 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1-11.

*1. Ili minn relazzjoni li r-Rikorrenti kellha ma' certu Johansson Alexander Klas, ta' nazzjonalita' Svediza u li joqghod x'imkien fl-esteru llum m'ghux maghruf, huma kellhom tifel minuri bl-isem ta' F E B li llum ghandu l-eta' ta' hames [5] snin [Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat Dok. 'SF1'].*

*2. Illi r-Rikorrenti kienet ressqet Medjazzjoni skont il-ligi fejn dan C D E deher li ser jasal sabiex ikun hemm ftehim li jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet in kwantu l-Minuri;*

*3. Illi ma sehh xejn minn dan tant li l-Intimat abbanduna ghal kollox lil ibnu u ilu ghal dawn l-ahhar circa disa' [9] xhur lanqas iwettaq kuntatt mar-Rikorrenti u lanqas jaghti xi forma ta' manteniment versu l-istess Minuri;*

*4. Illi kien għalhekk li r-Rikorrenti regghet ressqet ittra ta' Medjazzjoni datata 19 t'April, 2023 li ghal tali ittra inghata digiret minn dina l-Onorabbli Qorti datat 20 t'April, 2023 [Dok. 'SF2'];*

*5. Illi per konswegwenza r-Rikorrenti qedha tottempora ruhha mal-imsemmi digriet u dana billi kontestwalment mal-presentata tal-presenti istanza, hija halfet il-kontenut tal-ittra ta' Medjazzjoni skont l-istess digriet;*

*Illi ghalhekk ir-Rikorrenti qedha tressaq din l-istanza sabiex, inter alia, fl-interess suprem tal-Minuri hija jkollha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-istess Minuri, awtorizzazzjoni sabiex jinhareg passaport ghall-Minuri fil-firma taghha biss, manteniment versu l-Minuri.*

*Għaldaqstant ir-Rikorrenti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni li thoss li ghandha taghti din l-Onorrabbli Qorti fic-cirkostanzi, titlob li din il-Qorti joghgboha;*
*1. Takkorda l-pjena u esklussiva kura u kustodja tal-Minuri F E B lir-Rikorrenti;*

*2. Tordna li kwalunjkwe decizjoni li tirrigwardja l-Minuri, inter alia u bmod specjali edukazzjoni u sahha tal-MInuri, tittiehed esklussivament mir-Rikorrenti;*
*3. Tordna lill-awtoritajiet kompetenti li jinhareg passaport ghall-Minuri u li dan jiggedded meta jkun il-kaz bil-firma biss tar-Rikorrenti;*
*4. Tiffissa retta alimentarja skont il-ligi li tithallas, dejjem jekk ikun il-kaz, mill-Intimat lir-Rikorrenti ghall-istess Minuri;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-Intimat li minn issa qed jigi ingunt in subizzjoni, jekk ikun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat l-att tat-twelid tal-minuri Bentley Johansson Farrugia[2] li jġib in-numru progressiv 46 tas-sena 2018;

Rat id-digriet tal-20 ta' April 2023,[3] fejn il-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi b'kawża *entro* t-terminu stabbilit mill-liġi;

Rat id-digriet tas-7 ta' Awwissu 2023[4] li bih ġew appuntati l-Avukat Dr David Anthony Bonello u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti sabiex jirrappreżentaw lill-assenti konvenut u rat ir-risposta ġuramentata tal-istess:[5]

1. *Illi l-Kuraturi Deputati mhumeix edotti mill-fatti dikjarati;*

2. *Illi l-attrici ghandha tikkonferma bil-gurament taghha l-ahhar darba li kellha kuntatt mal-assenti;*

3. *Illi l-istess Kuraturi Deputati jitolbu illi jinghataw l-ahhar indirizz maghruf, indirzz tal- posta elettronika, u jew*

[2] Fol. 4.
[3] Fol. 6a.
[4] Fol. 7.
[5] Fol. 66

*profili tal-media socjali tal-istess assenti sabiex huma jkunu f'pozizzjoni illi jikkomunikaw maghhom.*

*Salv eccezzjonijiet ohra permissibli skont il-Ligi.*

Rat il-verbal tal-1 ta' Novembru 2023[6] fejn l-attriċi provdiet l-indirizz ta' omm il-konvenut assenti u l-indirizz elettroniku tiegħu;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda imressqa mill-attriċi kemm permezz ta' affidavit u kif ukoll *viva voce* quddiem din il-Qorti;

Rat illi permezz ta' Nota tat-28 ta' Diċembru 2023[7] il-Kuraturi Deputati nfurmaw il-Qorti illi mgħandhomx provi xi jressqu u li l-kawża tista' titħallas għas-sentenza;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[8]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**1. L-azzjoni odjerna**

L-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut assenti u minn din ir-relazzjoni huma kellhom tifel, F E B li twieled fl-20 ta' Diċembru 2017. L-attriċi qiegħda permezz ta' din il-kawża titlob il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri wara li l-konvenut abbanduna għal kollox lil ibnu u qata' kull kuntatt magħha. Hija titlob illi l-Qorti tistabillixxi retta alimentarja skont il-liġi li titħallas lill-attriċi omm għall-minuri peress li l-konvenut lanqas jagħti xi forma ta' manteniment lil ibnu, kif

[6] Fol. 67.
[7] Fol. 75.
[8] Verbal a fol. 76.

ukoll titlob lil Qorti sabiex jinħareġ passaport għall-minuri li jiġġedded meta jkun il-każ bil-firma tagħha biss.

Min-naħa l-oħra u *in vista* li ma huwiex magħruf fejn jinsab il-konvenut, huwa qed jiġi rappreżentat minn kuraturi deputati li iżda ma jagħmlux oġġezzjoni formali *da parti* tagħhom għat-talbiet kif dedotti mill-attriċi u ma jressqux provi.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit intavolat fl-atti permezz ta' Nota tas-27 ta' Settembru 2023[9]. Hija tgħid li kellha relazzjoni mal-konvenut C E D, ta' nazzjonalità Svediża u minn din ir-relazzjoni twieled tifel, F E B fl-2017.

Meta l-minuri kellu biss sena u nofs il-konvenut iddeċieda li jitlaq minn Malta u l-attriċi fetħet proċeduri ta' medjazzjoni sabiex il-partijiet jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom fil-konfront tal-minuri u tgħid li f'dak il-mument il-konvenut deher li jrid jasal għal ftehim. Madanakollu dan ma seħħx u l-attriċi kellha tkompli tfendi għal rasha kif tgħid li kienet għamlet mill-bidu li twieled it-tifel. Tgħid li l-konvenut ilu ħdax (11)-il xahar la jagħmel kuntatt magħha u lanqas jagħti manteniment għat-tifel. L-aħħar informazzjoni li tgħid li għandha hi li l-konvenut jaħdem barra mill-Ewropa iżda li jiċċaqlaq minn post għal ieħor. Tgħid li huwa *bblokkjaha* wkoll minn fuq il-media soċjali u dan il-pass hija ħaditu bħala messaġġ illi l-konvenut ma jridx juriha fejn hu u x'qed jagħmel u li ma jridx kuntatt magħha.

Tgħid li hija terfa' r-reponsabbiltà kollha versu binhom u fil-fatt taħdem *full time* u tagħmel ukoll ħafna *overtime* sabiex iżżid id-dħul tagħha u dan tagħmlu b'għajnuna li għandha minn naħa tal-familjari tagħha. Hija tgħid li kellha tagħmel din il-kawża peress li hija jkollha l-bżonn il-kunsens tal-

[9] Fol. 39.

missier għad-deċiżjonijiet ta' saħħa u edukazzjoni u lil missier qatt ma ssibu.

L-attriċi tixhed ukoll fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2023[10] fejn hija tgħid li hi u l-konvenut ilhom li waqfu mir-relazzjoni ta' bejniethom madwar ħames snin. Tgħid li meta kien għadu Malta kienet tibgħatlu messaġġi ħafna drabi minn naħa tagħha biex ikollu aċċess għat-tifel u hu kien iweġibha illi jixtieq li jċempel lit-tifel iżda kważi qatt ma kien jagħmel kuntatt miegħu sakemm iddeċieda li jsiefer. Tgħid li mill-media soċjali qabel ma *bblokkjaha* rat li kien mar jgħix x'imkien fl-Emirati Għarabi Uniti. Tgħid li anke għamlet *profile* ieħor fuq *Instagram* sabiex tkun tista' tara l-*istories* tiegħu minn *profile* ieħor għax kien waqaf jikkuntatjaha bil-messaġġi. Għamlet ukoll kuntatt mal-familjari tiegħu li iżda wkoll qalulha li mhux qiegħed iweġibhom jew iweġibhom fuq ħaġa waħda biss u jerġa' jwaqqaf il-komunikazzjoni magħhom.

Tgħid li qabel waqqaf il-kommunikazzjoni ta' bejniethom kien jagħtiha tliet mitt (300) Ewro fix-xahar għal ftit żmien u kienu ftehmu li jaqsmu l-bqija tal-ispejjeż. Tgħid li permezz ta' email kien qalilha li huwa lest li hi tieħu "*full care and custody"* peress li hu mhux qiegħed Malta. Tgħid li hu dejjem kien it-tip ta' persuna li ma jsaddad imkien.

B'nota tas-7 ta' Novembru 2023[11] hija tippreżenta żewġ emails tal-konvenut li t-tnejn juru illi huwa jiċċaqlaq minn post għal ieħor. Fl-ewwel email huwa jgħid li jaqbel li jagħti lill-attriċi "*full care and custody of F to make matters such as renewal of passport, medical decisions, travelling and school choice easier for all of us."*

## 3. Principji legali saljenti għall-każ odjern

[10] Fol. 68.
[11] Fol. 71.

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra l-ewwel issemmi l-prinċipji legali relevanti għal dan il-każ.

Artikolu 3B tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li* ***jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw*** *lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

Filwaqt li Artikolu 7 japplika dak li jgħid Artikolu 3B għall-ġenituri kollha, anke jekk mhux miżżewwġin bħal ma hu l-każ odjern:

> *"**Il-ġenituri għandhom l-obbligu** li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

Il-liġi nostrana għalhekk hija ċara kristall illi ż-żewġ ġenituri, miżżewwġin jew m'humiex, għandhom l-obbligu li jindukraw lil uliedhom u jipprovdulhom kull wieħed skont il-bżonnijiet tagħhom. Dan l-obbligu għalhekk joħroġ mill-liġi u jimponi fuq kull persuna r-responsabbiltà illi meta ġġib lit-tfal fid-dinja ma taġixxix daqs li kieku għadha weħedha mingħajr responsabbilitajiet. Il-liġi tara li tipproteġi s-sens ta' familja tkun f'liema forma tkun.

Madanakollu, meta l-ġenituri ma jkunux għadhom flimkien il-Qorti trid tara li tieħu deċiżjonijiet fil-konfront tal-minuri li jkunu fl-aħjar interess tal-istess minuri. Kif irritentiet il-Qorti diversi drabi bħal fis-sentenzi fl-ismijiet **Dr V. Randon vs J. Randon** u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** "*r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal".*[12]

[12] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili 1972.

Għalhekk, f'dawn il-każijiet il-Qorti trid tevalwa s-sitwazzjoni u tara li kull deċiżjoni li tittieħed fil-konfront tal-minuri tkun fl-aħjar interess tagħhom. Kwindi, meta wieħed jibda biex jevalwa l-kura u kustodja, għalkemm idealment din tkun waħda konġunta (għaliex il-Qorti tagħraf l-importanza taż-żewġ ġenituri fil-ħajja ta' wliedhom, apparti l-obbligi li t-tnejn għandhom fil-konfront ta' wliedhom) però l-Qorti hija konxja li mhux kull sitwazzjoni fil-ħajja tal-lum hija tali li timmerita deċiżjoni hekk. Kif fil-fatt jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**[13], il-Qorti kienet qalet illi "*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si* ***riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli****".*

Fil-kawża **Jennifer Portelli** ***pro et noe*** **vs John Portelli**[14] intqal: "*Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu."*

Hekk kif jirriżulta wkoll mill-istess Artikoli appena ċitati, il-ġenituri għandhom ukoll obbligu finanzjarju fil-konfront ta' wliedhom, liema obbligu *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni.

L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied **huwa skont il-bżonnijiet tal-minuri, izda temperati skont il-mezzi ta'**

---

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

[14] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003 (Ċit. Nru: 2668/1996/2RCP).

**min itih**, kif jipprovdi Artikolu 20 tal-Kap 16. Artikolu 20 fil-fatt jaqra illi:

*(1) Il-manteniment għandu jingħata* ***skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih****.*

Kif tgħid il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **A B *pro et noe* vs D E**[15] *"Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri."*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal Artikolu 149 tal-Kap 16, fejn huwa stipulat illi:

*"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel."*

Fil-fatt tgħid il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa *pro et noe* vs Georgina *sive* Georgia Seguna**[16]: *"Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-*

---

[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Mejju 2021 (Rik. Ġur. Nru. 140/2019 AL)

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-25 ta' Jannar 2019 (Rik. Ġur, Nru.

*partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara A sive BC vs D sive EC deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll Joseph B vs Lesya B deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji legali għall-każ odjern

Il-Qorti għandha quddiemha każ fejn omm tħalliet tfendi għal rasha biex trabbi lil iben il-partijiet sa minn meta t-tifel kien għadu tarbija. Il-partijiet jidher illi kellhom relazzjoni bejniethom li minnha twieldet tarbija; madanakollu l-konvenut missier ma kienx lest jerfa' r-responsabbiltà u l-obbligi li tpoġġi fuqu l-liġi, nostrana u anke dik naturali, fir-rigward ta' trobbija ta' l-ulied.

L-omm tgħid illi t-tifel kellu biss sena u nofs meta l-konvenut iddeċieda li jitlaq minn Malta, iżda mhux talli hekk, talli meta kien għadu Malta hija tixhed illi kienet tibgħatlu hi l-messaġġi u: "*Għandi l-messaġġi fejn kien jgħidli "iva nixtieq nċempel lit-tifel" u kont ngħidlu "x'hin trid ċempel, x'ħin trid ibgħat", qatt ma kien jċempel, u kważi qatt ma kien jibgħat so dejjem nċempillu jien biex jara lit-tifel, mbagħad ddeċieda li jmur jaħdem barra minn Malta u għidtlu "naf li mhux ħa jkollok ħafna cans ħabba l-COVID u hekk so x'hin trid ibgħat, cempel..."*[17] Jirriżulta għalhekk illi anke fil-ftit żmien li għamel hawn Malta wara li twieled it-tifel, ukoll ma kienx involut fit-trobbija tiegħu daqs li kieku xtara oġġett u wara ftit tefgħu fil-ġenb.

Saħħa l-missier ried ikompli b'ħajtu u jħalli lill-omm tfendi għal rasha b'binhom, huwa lanqas ikkopera sabiex jilħqu ftehim bonarju għalkemm l-attriċi ppruvat illi jagħmlu dan. L-isforzi tal-omm kienu għalxejn u mhux talli l-konvenut siefer talli mbagħad ibblokkjaha sabiex lanqas ikollha informazzjoni fejn qed jgħix. Ladarba r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet spiċċat il-Qorti ma tqisx illi l-partijiet għandhom jibqgħu

[17] Xhieda tal-attriċi a. fol. 68.

f'kuntatt bejniethom madanakollu f'dan il-każ fejn hemm iben il-konvenut involut dan ma setgħax jaqta' kull kuntatt mal-omm jekk ried jerfa' r-responsabbiltajiet illi tpoġġi l-liġi fuqu bħala missier. Kif ġja ċitat, il-liġi tagħna tipprovdi illi ż-żewġ ġenituri għandhom l-obbligu illi *jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied,* responsabbilitajiet illi l-konvenut ta bis-sieq u njora kompletament.

Jirriżulta wkoll minn emails preżentati mill-attriċi illi l-missier jitkellem dwar aċċess għat-tifel bħallikieku dan kien oġġett li jmur jara ġo mużew. Huwa jgħid "*...I'd still love to be able to see my son whenever I want and can come to Malta for visit..."*[18] It-ton li juża u l-kliem li jgħid huma totalment il-kontra tal-prinċipju tal-aqwa interess tal-minuri għaliex il-konvenut jidher li jara biss x'inhuma l-interessi personali tiegħu u li l-minuri żgur ma hux prijorità f'ħajtu tant li la seta' jikkommetti illi jibqa' fl-istess pajjiż li qed jitrabba t-tifel, la seta' jikkommetti li jasal għal ftehim mal-omm dwar il-minuri, la seta' jikkommetti illi ladarba jsiefer iżomm kuntatt mal-minuri *tramite* l-omm u lanqas seta' jikkommetti sabiex jippjana mal-omm meta' ser jeżerċita aċċess għall-minuri.

Huwa fil-fatt jaċċetta permezz tal-istess email li l-attriċi tieħu l-kura u kustodja tal-minuri f'idejha kif ukoll tieħu f'idejha d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw passaport, saħħa u edukazzjoni għaliex jgħid li dan ikun eħfef għal kulħadd. Saħansitra sussegwentement imbagħad il-missier qata' kull kuntatt mal-omm. Huwa ovvju li l-missier minn dak li jgħid u l-mod kif jaġixxi ma jrid jieħu fuqu l-ebda obbligu fir-rigward tat-tifel. Filwaqt li l-Qorti tiddeplora bil-qawwa dan l-aġir irresponsabbli fil-konfront tal-ulied, madanakollu ma tistax f'dan il-każ ma tqisx illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tiegħu tkun fdata f'idejn l-omm kif fil-fatt *de facto* qed tiġi eżerċitata fil-preżent. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-

[18] Email tal-konvenut ppreżentata a. fol. 72.

ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo** fejn irriteniet li: *"In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...]"*

Wara li l-Qorti tiddeċiedi l-kustodja tal-minuri, u *ċioé* ma' min il-minuri ser tirrisjedi u min se jerfa' r-responsabilità dwar id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw ħajtu, fit-tieni lok għandha tiddeċiedi dwar jekk għandiex iċċaħħad lil xi ħadd mill-ġenituri mill-awtorità ossia s-setgħa ta' ġenitur.  Tgħid il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **A B *pro et noe* vs D E**[19]: *"... u b'hekk tirribadixxi li s-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, izda huwa kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih, fost oħrajn, il-kunċett tal-kura u kustodja. Fil-fatt jekk wieħed ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja, ma jfissirx li jitlef id-drittijiet l-oħra li jappartjenu lilu bħala ġenitur, fosthom id-dritt ta' aċċess, id-dritt li jieħu deċizjonijiet flimkien mal-ġenitur l-ieħor, id-dritt li jkun infurmat dwar il-progress tal-minuri, u d-dritt li jiffirma u jġedded passaport. Għaldaqstant ġialadarba ġenitur ikun għadu f'pozizzjoni li jezerċita dawn id-drittijiet, minkejja li ma jkollux il-kura u kustodja tal-minuri, ifisser li xorta waħda jkollu s-setgħa ta' ġenitur, liema setgħa tista' titneħħa skont id-disposizzjonijiet tal-liġi kif misjuba taħt is-Sub-Titolu II tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb."*

Il-liġi tagħna tipprovdi meta l-Qorti għandha tneħħi is-setgħa ta' ġenitur minn idejn genitur. Artikolu 154 tal-Kap 16 jipprovdi l-estremi li għalihom tista' titneħħa s-setgħa tal-ġenitur:

*"(1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq*

[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Mejju 2021 (Rik. Ġur. Nru. 140/2019 AL)

*imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*
*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*
*(c) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*
*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*
*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel."*

F'dan il-każ il-Qorti tara li jeżistu l-estremi li l-liġi tipprovdi għalihom f'Artikolu 154 (1) (e). Magħdud ma' dan il-Qorti ma għandiex dubju li dan il-każ jimmerita illi s-setgħa tal-ġenitur għandha titneħħa minn idejn il-konvenut f'dan il-każ għaliex mhux talli huwa jgħid hu stess fl-email ġja ċitata li bagħat lill-attriċi illi jrid li d-deċiżjonijiet ordinarji u straordinarji teħodhom hi, iżda huwa mbagħad qata' wkoll kull kuntatt minn ma' l-omm b'mod illi ser jkun diffiċli ħafna jekk mhux impossibli li tiddiskuti u ġġib il-kunsens tal-missier għad-deċiżjonijiet li trid tieħu għall-minuri binha. Għaldaqstant bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149, il-Qorti tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kap 16, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament weħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm deċiżjonijiet ordinarji kif ukoll straordinarji.

Minkejja dan iżda, ma jfissirx li l-missier ma għadx għandu l-obbligu li jmanti lill-minuri. Kif tgħid il-Qorti fil-każ ġja ċitat fl-ismijiet **AB *pro et noe* vs DE "***In primis għandu jingħad illi tali obbligu ma huwiex xi wieħed frivolu, iżda huwa wieħed sanċit mil-liġi stess. Fit-tieni lok, il-konvenuta, bħal ġenituri oħrajn, għandha terfa' r-responsabbilta' tagħha bħala omm u*

*dan indipendentament minn kwalsiasi ħaġa oħra. Il-messaġġ waħdini li din il-Qorti trid tgħaddi huwa li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pozizzjoni fizika, mentali u finanzjarja li jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilita' li jġibu magħhom l-ulied. It-tfal ma humiex ġugarelli, fejn tista' tifrah bihom f'mument u twarrabhom sekonda wara. Fil-kaz odjern fejn il-konvenuta għazlet li taħrab mir-realta', mir-responsabbiltajiet u mill-imħabba ta' bintha, dan m'għandux ifisser illi għandha tiġi ezonerata mill-obbligi tagħha."*

L-attriċi fl-affidavit tagħha titlob is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) fix-xahar għall-minuri F. Il-Qorti *tissottolinea* l-fatt illi l-attriċi omm ma ġabet l-ebda prospett ta' infieq jew prova oħra dwar il-manteniment illi tirrikjedi għall-minuri. Kif ingħad konsistentement fil-ġurisprudenza nostrana u kif inhu wkoll rifless fil-liġi li tirregola l-manteniment żewġ elementi li fuqhom trid tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment huma ***il-bżonn ta' min jitolbu*** u ***l-mezzi ta' min għandu jagħtih*** – l-attriċi bl-ebda mod ma ġabet prova dwar dawn l-elementi. Madanakollu l-attriċi tgħid[20] illi għal xi żmien il-konvenut kien jagħtiha s-somma ta' tliet mitt (300) Ewro fix-xahar u li jaqsmu l-ispejjeż bejniethom.

Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti tiddeċiedi billi tordna li l-konvenut jibda jivversa manteniment lill-attriċi għal binhom F fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u għoxrin (225) Ewro, kif ukoll ħamsa u sebgħin (75) Ewro bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi kull xahar it-total ta' tliet mitt (300) Ewro, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi kull l-ewwel ġurnata tax-xahar permezz ta' *bank transfer stante* li l-konvenut jgħix barra minn Malta. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, il-konvenut huwa obbligat li jħallas

[20] Xhieda tal-attriċi a. fol. 70.

manteniment għall-minuri F sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri F tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri għandu jibqa' tirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

2. Tilqa' it-tieni u t-tielet talba;

3. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kap 16, tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kap 16, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji.

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-konvenut jibda jivversa manteniment lill-attriċi għal binhom F fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u għoxrin (225) Ewro, kif ukoll ħamsa u sebgħin (75) Ewro bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-

kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi kull xahar total ta' tliet mitt (300) Ewro, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi kull l-ewwel ġurnata tax-xahar permezz ta' *bank transfer stante* li l-konvenut jgħix barra minn Malta. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri F sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, b'dan li l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.